Id-dokumenti tal-offerti u kull tagħrif ieħor jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex) fi Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ (Għawdex). L-offerti jinfetħu fil-ħin tad-data tal-għeluq fil-preżenza tal-pubbliku.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-31 ta' Mejju, 2013

IŻ-ŻEBBUĠ (GOZO) LOCAL COUNCIL
AND MARSALFORN ADMINISTRATIVE
COMMITTEE

The Iż-Żebbuġ (Gozo) Local Council and Marsalforn Administrative Committee notify that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. of Monday, 1st July, 2013, for:-

Advt. No. ZGLC 03/2013. Procurement and installation of hot-dipped galvanised wrought iron railing at Triq Mons De Piro, Iż-Żebbuġ.

Advt. No. ZGLC 04/2013. Procurement and installation of hot-dipped galvanised wrought iron or stainless steel railing at Triq Santa Marija, Triq il-Qbajjar, Marsalforn, Iż-Żebbuġ.

A fee of €30 is to be paid for each copy of tender document.

Tender documents and further information may be obtained from the Iż-Żebbuġ (Gozo) Local Council's Administrative Office at Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ (Gozo). Offers will be opened at the time of the closing date in the presence of the public.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

31st May, 2013

KUNSILL LOKALI FLORIANA

Il-Kunsill Lokali Floriana jgħarraf illi:

Sal-4.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, l-10 ta' Ġunju, 2013, fil-kaxxa tal-offerti fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. KLF/Q/06/13. Provvista u installazzjoni ta' *book booth*.

Għandu jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni, jistgħu jinkisbu fuq il-ħlas imsemmi hawn fuq, mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 15, Pjazza E.S. Tonna, Floriana, mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m. (mit-Tnejn sal-Ġimgħa) u s-Sibt bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Il-31 ta' Mejju, 2013

FLORIANA LOCAL COUNCIL

The Floriana Local Council notifies that:

Sealed quotations will be received in the tender box at the Council's Administrative Offices up to 4.00 p.m. of Monday, 10th June, 2013, for:-

Quot. No. KLF/Q/06/13. Supply and installation of book booth.

A fee of €5.00 is to be paid for each copy of quotation document.

Quotation documents, against payment as indicated above, may be collected from the Council's Administrative Office, 15, Pjazza E.S. Tonna, Floriana from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. and 2.00 p.m. till 4.00 p.m. (Monday to Friday) and from 8.00 a.m. till 11.30 a.m. on Saturdays.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous one.

31st May, 2013

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

902

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Settembru, 2012, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1970/12, fl-ismijiet Tabib Principali tal-Gvern vs Evelena Pronyakina, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Evelena Pronyakina (Passport No P51 No 3799641) ta' 56, Valleyforge, Triq il-Ħtajriet, Mosta, fit-30 ta' Lulju, 2012, t-Tabib Principali tal-Gvern, ta' 15, Triq il-Merkanti, Valletta, permezz ta' dikjarazzjoni ġuramentata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizazzjoni Ċivili (Kap. 12), jinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €3,202.88 rappreżentanti ammont dovut ta' kura u servigi illi inti ħadt mill-Isptar Mount Carmel bejn il-25 ta' Jannar, 2011 u d-29 ta' April, 2011.

Dan l-att ġudizzjarju qed jintbagħat taħt l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fin-nuqqas li twieġeb fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika, dan l-att ġudizzjarju jsir titolu eżekuttiv.

Jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fiż-żmien lilek mogħti jinħargu l-mandati relattivi mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Registru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 24 ta' Mejju 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 13th September 2012, in the records of the judicial letter number 1970/12, in the names Chief Government Medical Officer vs Evelena Pronyakina, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Evelena Pronyakina (Passport No P51 No 3799641) of 56, Valleyforge, Triq il-Ħtajriet, Mosta, on the 30th July 2012, Chief Government Medical Officer of 15, Triq il-Merkanti, Valletta, that by means of a sworn declaration in terms of Article 466 of the Code of Civil Organisation and Procedure (Chapter 12), calls upon you so that you pay the sum of €3,202.88 due by you for the cure and services given to you in Mount Carmel Hospital between the 25th January, 2011 and the 29th April, 2011.

This judiical act is being sent under Article 466 of Chapter 12 of the Laws of Malta. In default of an answer within twenty days from the date that this letter is notified to you this judicial act will be come executable.

If you fail to pay the amount due in the time given to you the relative warrants will be issued against you without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 24th May 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

903

B'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-17 ta' Mejju, 2013 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 809 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-kuraturi.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lill-Marixxall tal-Qorti

By a decree of the Courts of Magistrates (Malta), of 17th May 2013, the publication of the following bann which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 809 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

REPUBLIC OF MALTA

To the Court Marshall

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fuq talba ta' Johanna Attard ġie ordnat li jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrapreżentaw lil sidien mhux magħrufa fiċ-ċedola ta' depożitu numru 869/13 u fl-atti kollha relattivi jew sussegwenti fejn talbet:

Li hija proprjetarja tal-fond ġa garage/remissa b'entratura waħda minn Church Street numru estern tnejn u tmenin (82) u entratura oħra numru sittin (60) fuq Triq Antonio Bosio, fl-Imsida, mingħajr l-arja tiegħu peress illi jinsab sottopost għal beni ta' terzi, kif soggett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' sebgħin ewro centeżmi (€0.70) ekwivalenti għal tletin centeżmi tal-lira Maltija (Lm0.30) u dan in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh Grima tal-25 ta' Mejju, 2004;

Peress illi l-esponenti qatt ma ħallset iċ-ċens dovut peress illi hija ma tafx lil minn dan iċ-ċens jitħallas;

Għaldaqstant l-esponenti sabiex tirregola ruħha tadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha qegħdin jiġu ddepożitati s-somma ta' tliett euro u ħamsin centeżimu (€3.50) rapprezentanti ħames snin arretrati ta' ċens.

Att – Flat 1, Smallville, Triq il-Gdida, Msida.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Inferjuri, u sejjaħ lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien erbat ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħi, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dr Marseann Farrugia, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 17 ta' Mejju 2013

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 24 ta' Mejju, 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given by the Courts of Magistrates (Malta) on the application of Johanna Attard it was ordered the selection of Deputy Curators to represent the unknown owners in the acts of schedule of deposit number 869/13 and in other relative and subsequent acts demanded:

That she is the owner previously a garage/barn with one entrance in Church Street external number eighty-two (82) another entrance number sixty (60) on Triq Antonio Bosio, in Imsida, without its air space, because it is underlying property of third party, as subject to the annual and perpetual groundrent of seventy euro cents (€0.70) equivalent to thirty cents of the Maltese Lira (Lm0.30), and this in by means of a deed in the acts of Notary Dottor Hugh Grima of the 25th May 2004.

As the interpellant never paid the groundrent due because she doesn't know to whom this groundrent belongs.

Thus the interpellant in order to regulate its position is calling upon this Court and under its Authority she is depositing the amount of three euros and fifty cents (€3.50) representing five years arrears of groundrent.

Plaintiff: Flat 1, Smallville, Triq il-Gdida, Msida.

You are ordered to inform everyone that should no one come forward within the time stipulated the Court will proceed in order to chose whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within four days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform every one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Courts of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Marseann Farrugia, Doctor of Laws, Magistrate of the above mentioned Court.

Today 17th May 2013.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 24th May, 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civili Courts and Tribunals

904

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-22 ta' Mejju 2013, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 435/13 JRM, fl-ismijiet Mazzola Dott. Paolo Maria et vs R & S Developments Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpannija intimata a tenur a tenur tal-Artikolu 187(3) et tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet (Rikorrent) Dott. Paolo Maria Mazzola, tabib, bin il-mejjet Francesco Mazzola u Jolanda née Sammut, imwieled il-Belt Valletta u residenti San Pawl il-Baħar, K.I. 206859(M) u martu Fiorella Marino, bint Prospero Marino u Francesca née Dena, imwielda Napoli, l-Italja u residenti San Pawl il-Baħar, bil-Karta tal-Identità Taljana AS 2002270 ġa AN 0558470 kontra (Intimat) R & S Developments Ltd, C 42092, fit-22 ta' Marzu 2013, ir-rikorrenti Dott. Paolo Mazzola K.I. 206859(M) u martu Fiorella Marino, K.I. Taljana AS 2002270 ġa AN 0558470, ir-rikorrenti espona umilment:

Illi l-esponenti sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu ta' xi proprjetà u b'mod partikolari:

Il-ħanut, commercial premises, fil-livell ta' Triq San Pawl il-Baħar, Triq il-Kbira, magħrufa wkoll bħala Triq San Pawl, li jifforma parti minn blokk ta' appartamenti in parte sovraposti għal dan l-istess ħanut, liema ħanut m' għandux numru uffiċjali, pero konfinanti l-intier block, liema block huwa mibni fuq is-sit ġa okkupat mid-dar numru (17) sbatax, Triq il-Kbira, mit-Tramuntana mal-imsemmija triq, u mil-Lvant u min Nofsinhar in parte ma' beni tas-soċjetà Doctrinae Christian Vulga Museum Sezzjoni Maskili u in parte ma' beni tal-Monasteru ta' San Pietru tal-Imdina, flimkien mal-appartamenti l-oħra kollha li minn żmien għall-żmien, jifformaw parti mill-imsemmi block bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu.

Illi r-rikorrenti kontestwalment qed jipproċedu kontra l-intimata b'talba għal danni, għal ħlas ta' penali għad-dewmien u għal eżekuzzjoni ta' obbligu lkoll assunti mill-intimata permezz ta' att pubbliku tad-29 ta' Awwissu 2012, fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa (Dok. A).

Illi jinħtieġ li l-intimata tiġi inibita milli tittrasferixxi l-proprjetà msemmija peress illi hija l-unika proprjetà jew assi fuq x'hiex l-esponenti jistgħu jissodisfaw il-kreditu jew

By means of a decree given by the First Hall Civil Court, on the 22nd May 2013, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction, number 435/13 JRM, in the names Mazzola Dr Paolo Maria et vs R & S Developments Ltd, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187(3) et of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names (Applicant) Dr Paolo Maria Mazzola, Doctor of Medicine, son of the late Francesco Mazzola and Jolanda née Sammut, born in Valletta and residing in Saint Paul's Bay, I.D. 206859(M) and his wife Fiorella Marino, daughter of Prospero Marino and Francesca née Dena, born in Napoli, Italy and residing in Saint Paul's Bay, having Italian Identity Card AS 2002270 previously AN 0558470 against (Respondent) R & S Developments Ltd, C 42092, on the 22nd March 2013, the applicant Dr Paolo Mazzola I.D. 206859(M) and his wife Fiorella Marino, Italian I.D. AS 2002270 previously AN 0558470, the applicant humbly submitted:

That the interpellant in order to safeguard his credit hereunder mentioned against the respondent humbly asks this Honourable Court, to order the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction against the respondent so that he be witheld from selling, alienating, transferring or disposing both inter vivos both by onerous or gratuitous title any property and in particular:

The shop, commercial premises, at street level, in Saint Paul's Bay, Triq il-Kbira, known also as Triq San Pawl, which forms part of a block of apartments in part overlying this same shop, which shop does not have an official number, however bordering the whole block, which block is built on a site previously occupied by the house number (17) seventeen Triq il-Kbira, on the North with the said Street, on the East and South in part with property of the society Doctrinae ChristianVulga Museum Sezzjoni Maskili and in part with property of the Monastery of Saint Peter of Mdina, together with all the other apartments which from time to time form part of the said block with all its rights and appurtenances.

That the applicants are proceeding together against the respondent with a demand for damages, for the payment of penalty for delay and for the execution of the obbligation asumed by the respondent by means of a public deed of the 29th August 2012, in the records of Notary Dr Clyde La Rosa (Doc. A).

That it is necessary that the respondent be prohibted from transferring the property mentioned because it is the only property or asset on which the applicants can satisfy

il-pretensjoni tagħhom skont il-liġi u aktar billi dan il-fond qiegħed fis-suq għall-bejgħ.

Illi l-esponent għandu biża' fondata li intimata sejra tittrasferixxi din il-proprjetà u jekk dan iseħħ se jikkawża preġudizzju irrimedjabbli għar-rikorrenti billi l-intimata m'għandhiex aktar assi.

Illi l-intimata interpellata diversi drabi baqgħet inadempjenti u għalhekk fil-frattemp jinħtieġ li għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-esponenti, li l-mandat ta' inibizzjoni jkollu anke proviżorjament l-effetti kollha skont il-liġi ai termini tal-Artikolu 875 tal-Kap. 12 u dan bl-akbar rispett lejn kull deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti u l-kundizzjonijiet l-oħra kollha li jidhrilha xierqa li timponi.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, jogħġobha tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.

Kreditu: (E 25,000) Ħamsa u għoxrin elf Ewro.

Titolu: Kreditu u Pretensjoni ta' danni, penali u eżekuzzjoni.

Iff. Avukat Mark A. Mifsud Cutajar, B.A., LL.D.

Iff PL Peter Paul Sammut.

Illum 22 ta' Marzu 2013.

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qrajtlu l-kontenut u fil-preżenza ta' Peter Paul Sammut b'dok. wieħed.

Mandat ta' Inibizzjoni.

Repubblika ta' Malta
Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi ġie ppreżentat ir-rikors ta' hawn fuq u jirrikorru l-elementi meħtieġa skont il-liġi għall-ordinjiet infraskritti;

U wara li tagħmel dan u jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Rat l-Art. 874(1) u 875(2) tal-Kap. 12 u tilqa' t-talba b'mod provviżorju;

the credit or their claim according to law and more so as this premises are on the market for sale.

That the applicant has strong fears that the respondent shall transfer this property and if this ocurrs it shall cause irrimediable prejudice to the applicant as the respondent has no further assets.

That the respondent called upon various times remained in default and thus in the meantime requires that in order that the rights of the applicant be safeguarded that the warrant of prohibitory injunction have provisional effects according to law, in terms of Article 875 of Cap. 12 and this with the utmost respect towards every decision of this Honourable Court and all the other conditions it deems fit to impose.

Thus the applicants humbly ask that this Honourable Court orders the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction in question against the respondent.

Credit: (E 25,000) Twenty-five thousand Euro.

Title: Credit and claim of damages, penalty and execution.

Sgd. Advocate Mark A. Mifsud Cutajar, B.A., LL.D.

Sgd. PL Peter Paul Sammut.

Today 22nd March 2013.

Confirmed before me under oath after I read its contents and in the presence of Peter Paul Sammut with one doc.

Warrant of Prohibitory Injuntion.

Republic of Malta
Court Warrant

To the Court Marshall

Whereas the above application was filed and there recurr the necessary elements required according to law for the undermentioned orders;

And after doing this or if you encounter any difficulty in the execution of this warrant you are to inform this Court forthwith.

The Court;

Having seen the application,

Having seen Art 874(1) and 875(2) of Cap. 12 and uphold the demand provisionally;

Tordna n-notifika lill-intimata bi żmien għat-tweġiba sal-4 ta' April 2013 u tqiegħed ir-rikors għas-smigħ għal nhar l-Erbgħa, 10 ta' April 2013, u jissejjaħ f'nofinhar.

Rikorrent: 17, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar.

Intimat: 157, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara.

Eżekuzzjoni: 1) Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Merchant Street, Valletta.

2) Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet, Casa Bolina, West Str, Valletta.

Ir-Rikors Mandat ta' Inibizzjoni numru 435/13 JRM, fl-ismijiet Mazzola Dott. Paolo Maria et vs R&S Developments Ltd, jinsab differit għan-notifika għall-1 ta' Lulju 2013, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Mejju 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Orders that the respondent be notified who is to file a reply till the 4th April 2013 and puts the application for hearing on Wednesday, 10th April 2013, to be called at midday.

Applicant: 17, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar.

Respondent: 157, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara.

Execution: 1) Director Public Registry, Merchant Street, Valletta.

2) Director Land Registrar, Casa Bolina, West Street, Valletta.

The Application Warrant of Prohibitory Injunction number 435/13 JRM, in the names Mazzola Dr Paolo Maria et vs R&S Developments Ltd, has been put off for service to the 1st July 2013, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 27th May 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

905

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Mejju, 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dott. Neville Camilleri LL.D., Kumpilazzjoni numru 74/2012 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Yvonne Farrugia)

Kontra:

Charles Abela, 33 sena, self-employed, iben Rosario u Carmen née Abela imwieled Żebbuġ (Malta) nhar it-23 ta' Ottubru 1978, residenti "Springfields Court, Flat 1, Triq it-Tgħam, Mellieħa u detentur ta' karta tal-identità numru 82679M.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lil Charles Abela jew li huma proprjetà tagħhom u pprojbiethom milli jittrasferixxu jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 24 ta' Mejju, 2013.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DOTT. JOHN SEYCHELL NAVARRO
Dip. Hlth Science, Dip Mgmt Stud., Dip. Not. Pub., LL.B., LL,D
Assistent Reġistratur
Qrati u Tribunali Kriminali(Malta)

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 23rd May, 2013 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature – (Magistrate Dr Neville Camilleri, LL.D., Compilation number 74/2012 in the case:

The Police
(Inspector Yvonne Farrugia)

Versus:

Charles Abela, 33 years, self-employed, son of Rosario and Carmen née Abela, born in Żebbuġ (Malta) on the 23rd October 1978, residing at "Springfields Court", Flat 1, Triq it-Tgħam, Mellieħa and holder of identity card number 82679M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all monies and other moveable property due or pertaining or belonging to Charles Abela and prohibits the said accused from transferring or otherwise disposing of any moveable or immovable property and this according to Section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Today, 24th May, 2013.

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta).

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
Dip. Hlth Science, Dip Mgmt Stud., Dip. Not. Pub., LL.B., LL,D
Assistant Registrar
Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

906

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-8 ta' Mejju 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-avviż li jidher hawn taħt sabiex iservi ta' notifika għall-fini tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward is-soċjetà intimata Sunteg Investments Limited ta' Blk. F3, Flat 1, Triq in-Nassa, Mosta, Malta. Dan rigwardanti ittra uffiċjali numru 351/2011 ippreżentata fis-26 ta' Mejju 2011 fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fl-ismijiet "L-Avukat Georgine Schembri versus Sunteg Investments Limited".

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Ittra numru: 351/2011

Illum 26 ta' Mejju 2011

Lil:. Sunteg Investments Limited
Blk. F3, Flat 1, Triq in-Nassa, Mosta, Malta.

Permezz tal-preżenti l-Avukat Georgine Schembri ta' 2, Triq il-Karità, Victoria, Għawdex, tirreferik għall-kawża fl-ismijiet 'Sunteg Investments Limited vs. Charles Cordina' ċitaz. Nru. 46/2004 deċiża fil-25 ta' Frar 2011 u tinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti tħallas is-segwenti drittijiet u spejjeż skont it-taxxa annessa:-

Spejjeż tal-konvenut	€458.89
Drittijiet legali	€1,310.98
VAT fuq id-drittijiet	€235.98
TOTAL DOVUT MINNEK	€2,005.85

Inti avżat li fin-nuqqas ta' ħlas fiż-żmien hawn fuq indikat jittieħdu passi ulterjuri kontra tiegħek skont il-Liġi inkluż bl-ispedizjoni tal-mandati eżekuttivi.

Daqstant sabiex għall-aħħar darba tkun avżat, tagħraf timxi u tevita spejjeż ulterjuri bla bżonn.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' din l-ittra uffiċjali li jammontaw għal €53.00.

(iffirmat) Avukat Simone Grech
2, Triq il-Karità, Victoria, Għawdex

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Illum 27 ta' Mejju 2013

ANTHONY MIZZI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT IS hereby notified that by virtue of a decree given on the 8th May 2013, the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the following notice for the purpose of service in terms of section 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta and this with regard to respondent Sunteg Investments Limited of Blk. F3, Flat 1, Triq in-Nassa, Mosta, Malta. This with respect to judicial letter number 351/2011 filed on the 26th May 2011 in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, in re "L-Avukat Georgine Schembri versus Sunteg Investments Limited".

Court of Magistrates (Gozo)
Superior Jurisdiction, General Section

Letter number 351/2011

This 26th May 2011

To: Sunteg Investments Limited
Blk. F3, Flat 1, Triq in-Nassa, Mosta, Malta.

By this present Advocate Georgine Schembri of 2, Charity Street, Victoria, Gozo, refers you to the lawsuit in re "Sunteg Investments Limited vs. Charles Cordina" writ of summons number 46/2004 decided on the 25th February 2011 and calls upon you to, within one week from service of this judicial letter, you pay the following fees and expenses as per annexed taxed bill:

Defendant's expenses	€458.89
Legal fees	€1,310.98
VAT on legal fees	€235.98
TOTAL DUE BY YOU	€2,005.85

You are cautioned that in default of payment within the above granted time frame, further legal action with be instituted against you, including the issue of executive warrants.

This is meant for your last caution and for your direction as well as to avoid further and futile expenses.

With costs, including those of this present judicial letter amounting to €53.

(signed) Advocate Simone Grech
2, Charity Street, Victoria, Gozo

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Superior Jurisdiction, General Section

This 27th May 2013

ANTHONY MIZZI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

907

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti llum, 27 ta' Mejju, 2013, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dott. Doreen Clarke, LL.D.), fil-kumpilazzjoni Numru 811/2009) fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafà)

Kontra

GIUSEPPE VELLA, 59 sena, negozjant, bin Fortunato u Carmela xebba Falzon, imwieled Naxxar fit-30 ta' Marzu, 1954 u joqgħod f'Doris', Triq l-Oratorju, Naxxar, (K.I. 329254M);

Ordnat IT-TĦASSIR tal-ordni tas-sekwestru tal-assi kollha tal-imsemmi Giuseppe Vella mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja b'digriet tas-16 ta' Ġunju, 2010, liema ordni kienet ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Ġunju, 2010.

Din il-pubblikazzjoni qed issir ai termini tal-artikolu 5(6) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 27 ta' Mejju, 2013.
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

JOSEPH SACCO
Reġistratur
Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 27th May, 2013, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Jurisdiction – (Magistrate Dr Doreen Clarke, LL.D.) compilation number 811/2009 in the case:

The Police
(Inspector Angelo Gafà)

Versus:

GIUSEPPE VELLA, 59 years, businessman, son of Fortunato and Carmela nèe Falzon, born in Naxxar on the 30th March, 1954, and residing at 'Doris', Triq l-Oratorju, Naxxar, (I.D. 329254M);

Ordered the CANCELLATION of the attachment order of all the assets of the said Giuseppe Vella given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry by a decree dated 16th June, 2010 and published in the Government Gazette of the 25th June, 2010.

This order is being published according to section 5(6) of Chapter 373 of the Laws of Malta.

Today, 27th May, 2013
Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

JOSEPH SACCO
Registrar
Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

908

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati.

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fil-21 ta' Marzu, 2013, fuq talba ta' Darleen Luko, ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Igor Luko, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 125/12 RGM, fl-ismijiet 'Darleen Luko vs Kuraturi Deputati'u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fl-ismijiet Darleen Luko (K.I. 461787M) vs Igor Luko (K.I. 0054057A) fid-29 ta' Mejju, 2012, ir-rikorrenti Darleen Luko (K.I. 461787M) esponiet bir-rispett u talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara għar-ragunijiet premessi fir-rikors li ż-żwieġ bejn il-partijiet huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bann for Curators

Republic of Malta

To The Marshall of the Court.

By means of a decree by this Court, on the 21st March, 2013, following a request of Darleen Luko, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Igor Luko,in the records of the letter of the Sworn Application, 125/12 RGM, in the names 'Darleen Luko vs Deputy Curators' and in the relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Darleen Luko (I.D. 461787M) vs Igor Luko (I.D. 0054057A) on the 29th May 2012, the applicant Darleen Luko (I.D. 461787M) respectfully pleaded and asked this Honourble Court;

1. To decide and declare for the reasons premised in the application that the marriage between the parties is null and without effect for all intents and purposes of Law.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Lista ta' Xhieda

Ir-Rikors Ġuramentat numru 125/12 RGM, fl-ismijiet Luko Darleen vs Luko Igor, jinsab imqiegħed fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu fit-28 ta' Mejju 2013, fid-9.00 a.m.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-dahla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min jrid jidhol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni li huwa jidhol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed li jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Silvio Meli, LLD., Duttur tal-Ligi.

Illum 17ta' April 2013.

Reġistru tal-Qrati Civili (Sezzjoni tal-Familja) illum 28 ta'Mejju, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs, against the defendant, from now summoned so that a reference to his evidence be made.

List of Witnesses.

The Sworn Application number 125/12 RGM, in the names Luko Darleen vs Luko Igor, has been entered in the list of causes which are to be heard on the 28th May, 2013 at 9.00 a.m.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you ahould encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First (Family Section) above mentioned, with the witness of the Hon. Mr. Justice Silvio Meli, LLD., Doctor of Laws.

Today 17 th April 2013.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 28th May, 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

909

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati.

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fil-21 ta' Mejju, 2013, fuq talba ta' John Spiteri, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Listiani Lestari, fl-atti tar-Rikors Divorzju 243/13 AL, fl-ismijiet John Spiteri vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet John Spiteri vs Kuraturi Deputati fl-interess tal-assenti martu Listiani Lestari, minnha legalment separat, Numru ta' Passaport Indoneżjan, M 768670, fid-9 ta' Mejju, 2013, ir-rikorrenti umilment talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1.Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bann for Curators

Republic of Malta

To The Marshall of the Court.

By means of a decree by this Court, on the 21st May 2013, following a request of John Spiteri, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Listiani Lestari, in the records of the Divorce Application 243/13 AL, in the names John Spiteri vs Deputy Curators and in the relevant and subsequent acts.

By means of an Application, filed in the Civil Court (Family Section), in the names John Spiteri vs Deputy Curators, in the interest of his absent wife Listiani Lestari, from whom he is legally separated, Indonesian Passport number M 768 70, on the 9th May 2013, the applicant humbly asked this Honourable Court:

1. To pronounce the dissolution of the marriage between the parties and uphold the other demands in the application.

Esponenti: 13, 'Peprina' Triq ix-Xehda, Naxxar.

Notifika; Kuraturi Deputati 1) Dr. Il-Qorti,
Il-Belt.
2)PL. Il-Qorti,
Il-Belt.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-dahħa ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b' dan lil kull min jrid jidħol bhala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni li huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed li jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta l-Onor. Imħallef Lorraine Schembri Orland, LLD.

Illum 21 ta' Mejju, 2013.

Reġistru tal-Civil Courts (Family Section), illum 28 ta' Mejju, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: 13, 'Peprina' Triq ix-Xehda, Naxxar.

Notify: Deputy Curators 1)Dr, Courts of Justice,
Valletta.
2) PL ,Courts of Justice,
Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section) above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Lorraine Schembri Orland, LLD. Doctor of Laws.

Today 21st May, 2013.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 28th May 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

910

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati.

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fid-9 ta' Mejju, 2013, fuq talba ta' Susanne Camilleri, ġie ordnat biex jintagħżlu Kuraturi Deputati biex jirrapreżentaw lill-assenti Amor Jaballah, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 245/12 AL, fl-ismijiet Susanne Camilleri vs Kuraturi Deputati, u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Susanne Camilleri (K.I. 580783M) vs Amor Jaballah, fil-25 ta' Ottubru 2012, ir-rikorrenti Susanne Camilleri (K.I. 580783M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara;

1. Li ż-żwieġ bejn il-kontendenti ċelebrat fl-4 ta' Jannar 2003, huwa null u bla effettt ai termini tal-Artikoli 19(1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bann for Curators

Republic of Malta

To The Marshall of the Court.

By means of a decree by this Court, on the 9th May, 2013, following the request of Susanne Camilleri, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Amor Jaballah, in the records of the Sworn Application number 245/12 AL, in the names Susanne Camilleri vs Deputy Curators and in the and in the relative and subsequent acts.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Susanne Camilleri (I.D. 580783M) vs Amor Jaballah, on the 25th October. 2012, the applicant Susanne Camilleri (I.D. 580783M) asked this Honourable Court to declare;

1. That the marriage between the parties celebrated on the 4th January, 2003 is null and without effect in terms of Article 19(1) (d) and (f) of Chapter 255 of the Laws of Malta.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimat inġunt in subizzjoni.

Rik. Carman, Attard Road, Qormi.

Int. Tower Court/8, Moroni Street, Gzira.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b' dan lil kull min jrid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b' nota d-dikjarazzjoni li huwa jidhol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti , din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel Kuraturi ta' l-Uffiċċju .

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija x-xhieda ta l-Onor. Imħallef Lorraine Schembri Orland, LLD, Duttur tal-Ligi.

Illum 21 ta' Mejju 2013.

Reġistru tal-Qrati Civili (Sezzjoni tal-Familja) , illum 28 ta' Mejju, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs, against the respondent summoned so that a reference to his evidence be made.

Applicant: Carman, Attard Road, Qormi.

Respondent: Tower Court/8, Moroni Street, Gzira.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you ahould encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall,above mentioned,with the witness of the Hon. Madam Justice Lorraine Schembri Orland, LLD. Doctor of Laws.

Today 21st May 2013.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 28th May, 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

911

B'diġriet tal-21 ta' Marzu, 2013 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dina il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Vodafone plc C 10865 fid-19 ta' Diċembru, 2012 qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €382.04 depożitati b'ċedola numru 2650/11 fl-ismijiet:

HSBC Bank Malta plc C3177 vs Melita plc C 12715 u Salan Sabaid Tarhoun (K.I. 24283(A)

Il-Qorti ordnat n-notifika tal-intimat li jkollu erbat ijiem (4) żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), illum 27 ta' Mejju, 2013

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 21st March, 2013 given by the Court of the Magistrates, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

That by the application filed by Vodafone plc C 10865 on the 19th December 2012 is asking for the withdrawal of the amount of €382.04 deposited by the Schedule of Deposit number 2650/11 in the names of:

HSBC Bank Malta plc C3177 vs Melita plc C 12715 u Salan Sabaid Tarhoun (I.D. 24283(A)

The Court ordered the notification of this application with four (4) days notice for filing a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today the 27th May, 2013.

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*